# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ġunju, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar It-Tnejn, 11 ta' Ġunju 2026, fil-5.30p.m..*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech (SKUŻAT)<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Segretarju Eżekuttiv | Shirley Falzon |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm billi ntqalet it-talba.

**47/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

47/01/01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera preżenti li dan il-Kunsill kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, fejn talab sabiex jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa.

47/01/02 Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsilliera, is-Sa Marilena Galea, kienet infurmat lill-Kunsill li kienet fi triqitha sabiex tattendi għal din il-laqgħa.

**47/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47/02/01 Il-Minuti tal-Laqgħat Nru. 44, 45 u 46 ittieħdu bħala moqrija.

47/02/02 Ġie spjegat li waħda mil-laqgħat qosra kienet inżammet b'urġenza sabiex tiġi approvata applikazzjoni relatata ma' skema finanzjarja, filwaqt li l-oħra kienet laqgħa tar-residenti.

47/02/03 Wara diskussjoni qasira dwar il-proċedura tal-approvazzjoni tal-minuti, kien hemm qbil sabiex dawn jiġu approvati.

47/02/04 Is-Sindku għamlet referenza għall-inizjattiva ta' Focus Europe u infurmat lill-Kunsilliera li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Shirley Falzon, irrappreżentat lill-Kunsill Lokali waqt attività li saret barra minn Malta.

47/02/05 Is-Sindku infurmat li l-organizzaturi qed jipproponu żjara fil-lokalità bejn is-Sibt 24 u t-Tnejn 26 ta' Ottubru 2026 u li l-programm ta' attivitajiet għadu qed jiġi diskuss mal-partijiet involuti. Ġie maqbul li wara li jgħaddu l-attivitajiet ta' Jum il-Għargħur, jiġi diskuss mal-organizzatriċi Ivana ta' Focus Europe x'għandu jsir fir-rigward ta' din iż-żjara.

47/02/06 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni l-proposta sabiex parti minn Triq Monsinjur Luigi Catania tingħata l-isem ta' Guido Tanti.

47/02/07 Is-Sa Helen Gauci pproponiet li ssir konsultazzjoni mar-residenti tat-triq ikkonċernata qabel tittieħed deċiżjoni finali. Din il-proposta ġiet approvata mill-membri preżenti..

47/02/08 Kien hemm qbil sabiex tintbagħat komunikazzjoni lir-residenti kkonċernati u jingħata perjodu stabbilit sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

47/02/09 Is-Sindku għamlet referenza għall-vann elettriku tal-Kunsill u infurmat li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kkonfermat li tracker device jista' jiġi installat, sakemm ikun hemm fondi biżżejjed disponibbli fil-baġit allokat għall-proġett.

47/02/10 Ġie kkonfermat ukoll li x-xufier allokat għas-servizz tat-trasport fil-komunità għandu l-liċenzji meħtieġa sabiex iwettaq dan is-servizz. Is-Sa Meli ppreżentat lill-membri tal-Kunsill ritratt tal-liċenzja.

47/02/11 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li għaddejjin ix-xogħlijiet relatati mal-installazzjoni ta' charging pillars fi Triq l-Oratorju u fiż-żona ta' Xwieki, bħala parti mill-kollaborazzjoni mal-Aġenzija għall-Azzjoni dwar il-Klima.

47/02/12 Is-Sindku għamlet referenza għall-By-Law relatat mar-responsabbiltà tas-sidien tal-klieb u infurmat li wara l-kjarifiki meħtieġa mal-awtoritajiet kompetenti u mal-konsulent legali tal-Kunsill, il-proċess jinsab miexi skont il-proċeduri stabbiliti.

47/02/13 Is-Sa Meli għamlet referenza għall-park sportiv f'Xwieki, fejn bdew ix-xogħlijiet relatati mal-proġett. Hija rrimarkat li nħareġ komunikat li fih ġie propost l-isem **"Spazju Attiv ta' Xwieki"** għal dan il-proġett, li ser iservi bħala spazju ddedikat għall-isport. Il-Kunsill approva l-isem propost.

47/02/14 Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti sabiex il-By-Law jitkompla skont il-proċeduri meħtieġa.

47/02/15 Is-Sa Meli għamlet referenza għat-talba li kienet saret mis-Sa Francesca Attard, residenti fi Triq il-Kbira, u infurmat lill-Kunsill li l-każ bħalissa qed jiġi trattat minn Transport Malta.

47/02/16 Is-Sa Meli għamlet referenza għal Triq Fidel Żarb rigward il-ħitan tas-sejjieħ li jeħtieġ li jiġu rranġati. Hija spjegat li din il-kwistjoni kienet tressqet mis-Sa Francesca Attard u li bħalissa qed jiġu mistennija r-ritratti relatati sabiex inkunu nistgħu nimxu ’l quddiem bl-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet.

47/02/17 Is-Sa Meli fakkret lis-Sa Helen li kienet ressqet proposta sabiex jinbidlu l-ħinijiet tax-xufier u biex is-servizz jingħata kuljum. Hija informat lill-Kunsill li l-ħinijiet ġew mibdula u li s-servizz issa qed jingħata kuljum bejn it-8:30 a.m. u s-2:00 p.m.

47/02/18 Is-Sa Meli qalet li hemm bżonn li jiġi stabbilit aħjar l-użu tas-servizz tat-trasport. Hija spjegat li dan is-servizz ġie introdott sabiex jassisti lir-residenti b'appuntamenti mediċi fil-Mosta, Birkirkara u n-Naxxar, kif ukoll għal qadi u xiri essenzjali. Madankollu, osservat li qed isiru talbiet għal appuntamenti mhux mediċi, bħal pereżempju għal servizzi ta' xagħar u xiri minn stabbilimenti fil-Mosta, li qed iżidu l-ħinijiet u r-rotta tas-servizz.

47/02/19 Is-Sa Meli pproponiet li l-użu tas-servizz għal xiri jkun limitat għan-Naxxar u Birkirkara. Is-Sa Francesca qalet li dan jista' joħloq preċedent u pproponiet li, fejn ikun hemm vjaġġi minn raħal għal ieħor, dawn għandhom ikunu permessi.

47/02/20 Is-Sa Helen Gauci qalet li, peress li x-xufier issa qed ikun disponibbli kuljum bejn it-8:30 a.m. u s-2:00 p.m., għandu jintuża sabiex jassisti lill-anzjani. Is-Sa Meli spjegat li minħabba t-traffiku qed iseħħu kunflitti bejn l-appuntamenti u l-ħinijiet stabbiliti.

47/02/21 Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk l-appuntamenti humiex qed jiġu bbukkjati permezz tal-Kunsill biss u mhux direttament max-xufier. Is-Sa Meli spjegat li l-appuntamenti jiġu kkoordinati mill-Kunsill u li hemm ukoll grupp fuq WhatsApp bejn il-ħaddiema sabiex ix-xufier ikun infurmat bl-appuntamenti kollha.

47/02/22 Wara diskussjoni, ġie maqbul li l-appuntamenti mediċi għandhom dejjem jingħataw prijorità. Appuntamenti għal xiri jew qadi ieħor li ma jkunux ta' natura medika għandhom jiġu organizzati skont id-disponibbiltà tas-servizz u madwar l-appuntamenti mediċi.

47/02/23 Is-Sa Meli fakkret lill-membri tal-Kunsill li fil-kuntratt il-ġdid tal-manutenzjoni tal-fanali ġie stipulat li x-xogħlijiet għandhom jitlestew fi żmien massimu ta' għaxart ijiem (10 ijiem) minn meta tiġi rrapportata l-problema. Hija spjegat li din il-kundizzjoni ġiet inkluża fil-ftehim mal-kuntrattur.

47/02/24 Barra minn hekk, inħoloq programm fuq Jira sabiex ir-rapporti u t-talbiet relatati mal-fanali jiddaħħlu u jiġu segwiti b'mod aktar effiċjenti.

47/02/25 Is-sa Meli fakkret lil-Kunsill li kienet saret talba għal Blue Bay f'Triq l-Isqof S. Gaffiero. Ġew ippreżentati ritratti relatati mal-każ u wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex jiġi allokat spazju ta' parkeġġ riservat (Blue Bay) minflok il-vettura bajda kif indikat fir-ritratt ippreżentat.

*47/02/26 Is-Sindku għamlet referenza għat-talba relatata mal-waqfa tal-linja tal-karozzi tal-linja fiż-żona ta' Xwieki. Hi spjegat kif il-bidla li kienet saret fil-passat kienet ibbażata fuq risk assessment li kien sar minn Transport Malta minħabba raġunijiet ta' sigurtà u li d-deċiżjoni kienet ġiet approvata skont il-proċeduri meħtieġa f'Mejju 2025.*

*47/02/27 Is-Sa Francesca Attard ressqet suġġeriment sabiex il-bus stop eżistenti fi Triq San Bartholomew jinbidel f'bus bay. Wara diskussjoni, ġie miftiehem li din il-proposta titressaq quddiem Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħha.*

47/02/28 Is-sa Meli fakkret lil-Kunsill li kienet saret talba għal Blue Bay f'Triq l-Isqof S. Gaffiero. Ġew ippreżentati ritratti relatati mal-każ u wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex jiġi allokat spazju ta' parkeġġ riservat (Blue Bay) minflok il-vettura bajda kif indikat fir-ritratt ippreżentat.

47/02/29 B'referenza għal talba li kienet tressqet sabiex jiġu installati sleeping policemen fi Triq Caravaggio, is-Sindku informat lill-Kunsill li l-proposta ma setgħetx tiġi approvata minħabba

oġġezzjonijiet imressqa minn residenti tal-lokal. Hija żiedet tgħid li, bħala miżura alternattiva biex titjieb is-sigurtà fit-triq, ġew installati Pelican lights fiż-zebra crossing eżistenti.

**47/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

47/03/01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera dwar proposta minn Clinical Wellness Malta sabiex jiġu organizzati taħditiet u workshops mingħajr ħlas relatati mas-saħħa mentali u fiżika fil-komunità.

47/03/02 Ġie spjegat li dawn is-sessjonijiet jistgħu jiġu organizzati fis-sala tal-Kunsill u jitmexxew minn professjonisti kwalifikati mingħajr ebda spiża għall-Kunsill Lokali. Il-Kunsill wera interess f'din l-inizjattiva u qabel fil-prinċipju li jiġu esplorati l-arranġamenti meħtieġa sabiex is-sessjonijiet ikunu jistgħu jiġu organizzati.

47/03/03 Is-Sindku għamlet referenza għat-talbiet u rapporti li qed jaslu dwar l-użu ta' personalised disabled parking bays.

47/03/18 Hi spjegat kif il-Kunsill ma għandux il-kompetenza li japprova jew jirrevoka dawn il-parking bays, peress li dawn jiġu deċiżi mill-awtoritajiet mediċi kompetenti u mill-entitajiet nazzjonali relevanti.

47/03/19 Ġie spjegat li fejn ikun hemm allegazzjonijiet ta' abbuż jew użu mhux xieraq ta' dawn il-faċilitajiet, il-Kunsill jista' biss jgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn jinvestigaw il-każ. Ġie spjegat li l-Kunsill għamel kuntatt ma' Transport Malta sabiex jinvestiga l-kwistjoni; madankollu, il-Kunsill ġie riferut lill-Aġenzija Support. Min-naħa tagħha, l-Aġenzija Support reġgħet irreferiet il-każ lil Transport Malta. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-kwistjoni mal-entitajiet konċernati sabiex jiġi stabbilit min hu responsabbli u tinstab soluzzjoni adegwata għall-problema.

47/03/20 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-uffiċċju kien identifika problemi fis-sistema telefonika tal-Kunsill, partikolarment relatati ma' sejħiet li ma kinux qed jiġu rreġistrati jew indirizzati b'mod effiċjenti.

47/03/21 Ġie propost li s-sistema telefonika tal-Kunsill tiġi migrata għal Microsoft Teams sabiex ikun hemm reġistrazzjoni aħjar tas-sejħiet, voice mail u distribuzzjoni awtomatika tas-sejħiet lill-membri tal-istaff disponibbli.

47/03/22 Is-Sindku rringrazzjat lill-istaff amministrattiv għall-ħidma li saret fl-introduzzjoni ta' sistemi ġodda diġitali li qed itejbu l-operat intern tal-Kunsill.

47/03/23 Ġie spjegat li l-ispiża inizjali għat-twaqqif tas-sistema tammonta għal €1,000, flimkien ma' tariffa ta' €4 fix-xahar għal kull utent, apparti l-ħlasijiet applikabbli tas-service provider. Ġew spjegati wkoll il-vantaġġi ewlenin tas-sistema proposta, fosthom il-fatt li l-Kunsill ikun jista' jżomm l-istess numru tat-telefon eżistenti, li jkun possibbli li tiġi rrekordjata messaġġ awtomatiku bl-informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill Lokali, u li s-sejħiet jidderieġu awtomatikament bejn l-utenti kollha sakemm ikun hemm persuna disponibbli biex twieġeb. F'każ li ma jkun hemm ħadd disponibbli, ir-residenti jkunu jistgħu jħallu messaġġ fuq il-voicemail sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkuntattjahom lura.

47/03/24 Wara diskussjoni, il-Kunsill approva fil-prinċipju l-investiment meħtieġ sabiex titwettaq

47/03/24 Is-Sindku għamlet referenza għad-diskussjonijiet li kienu qed isiru mar-Reġjun dwar il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-iskart.

47/03/25 Hija spjegat li l-informazzjoni u t-talba għal suġġerimenti kienu ġew ikkomunikati lill-Kunsilliera permezz ta' email sabiex ikunu jistgħu jressqu l-osservazzjonijiet jew il-proposti tagħhom għall-kunsiderazzjoni. Madankollu, ma waslu l-ebda suġġerimenti jew kummenti mingħand il-Kunsilliera.

47/03/26 Is-Sa Meli qasmet mal-Kunsill il-punti ewlenin diskussi waqt il-laqgħa dwar il-ġbir tal-iskart u l-kuntratt il-ġdid tas-servizz. Fost il-punti mqajma kien hemm is-suġġeriment li l-ġbir tal-iskart isir matul il-lejl, minn wara l-11:00 p.m. 'l quddiem, sabiex jitnaqqas l-impatt fuq it-traffiku u r-residenti.

47/03/27 Ġie enfasizzat ukoll li s-sistema tal-multi għandha tiġi riveduta u ċċarata sabiex kulħadd ikun jaf ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tiegħu, u biex jiġu evitati l-problemi li qed jinqalgħu taħt il-kuntratt preżenti.

47/03/28 Fir-rigward tal-ġbir tal-ħġieġ, ġie nnutat li s-servizz għandu jitjieb. Meta jinġabar il-ħġieġ, għandhom jinġabru wkoll il-konterituri mhux riutilizzabbli relatati miegħu, bħal kaxxi tal-kartun u boroż tal-plastik. Ġie ssuġġerit ukoll li l-ġbir tal-iskart organiku jsir separatament u li l-ġbir tal-ħġieġ u l-kontenituri tiegħu jitwettaq permezz ta' vettura b'kompartimenti separati (split-back RCV).

47/03/29 Barra minn hekk, ġie rrappurtat li l-Kunsill Lokali għadu qed jiffaċċja problemi relatati mal-piling tal-iskart, kemm minħabba t-tul ta' żmien li l-iskart jibqa' miġbur kif ukoll minħabba l-postijiet mhux xierqa fejn qed jakkumula. Ġie enfasizzat li din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv fil-kuntratt il-ġdid.

47/03/30 Is-Sa Meli informat lill-Kunsill li Ryan spjega li s-suġġerimenti kollha mressqa mill-Kunsilli Lokali ser jiġu ppreżentati għall-kunsiderazzjoni waqt il-proċess ta' tfassil tal-kuntratt il-ġdid. Madankollu, huwa enfasizza li ma hemm l-ebda garanzija li dawn is-suġġerimenti kollha ser jiġu inklużi fil-kuntratt finali li ser joħroġ fil-futur qarib.

47/03/31 Is-Sindku għamlet referenza għall-programm Best Rural Villages Awards u infurmat li, wara konsultazzjoni mal-Malta Tourism Authority, ġie ssuġġerit li l-Kunsill jikkunsidra li japplika fis-sena li ġejja sabiex ikun hemm aktar żmien għall-preparazzjoni tal-applikazzjoni.

47/03/32 Kien hemm qbil mal-proposta.

47/03/33 Is-Sa Meli rreferiet għall-opportunità potenzjali ta' sħubija taħt l-URBACT Call for Action Networks u l-European Urban Initiative (EUI), li dwarhom kienu tqassmu dokumenti lill-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tagħhom. Hija għamlet ukoll referenza għall-Business Breakfast EUI and URBACT Information Session li saret fis-7 ta' Mejju 2026, fejn ġew ippreżentati diversi opportunitajiet ta' finanzjament.

47/03/34 B'mod partikolari, ġiet enfasizzata l-iskema "City-to-City Exchange", li permezz tagħha belt jew lokalità li qed tiffaċċja sfida partikolari tista' tibbenefika mill-esperjenza u s-soluzzjonijiet ta' belt oħra, kif ukoll il-"Innovation Call", li tipprovdi finanzjament għal ideat innovattivi li qatt ma jkunu ġew implimentati fil-lokalità rispettiva.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


47/03/35 Waqt id-diskussjoni, Is-Sa Meli osservat li dawn l-inizjattivi huma simili għal proġetti ta' town twinning u fakkret li l-Kunsill diġà qed jipparteċipa f'inizjattiva ta' din ix-xorta. Għaldaqstant, hija ssuġġeriet li, għalissa, il-Kunsill jiffoka fuq il-proġetti u l-impenji li diġà qed jiġu implimentati. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dan l-approċċ.

47/03/36 Is-Sindku ressqet proposta mill-Animal Welfare Directorate sabiex fil-lokalità jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-ewwel għajnuna għall-annimali.

47/03/37 *Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill juri interess f'din l-inizjattiva u jkompli jiddiskutiha mal-entitajiet involuti.*

47/03/38 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera dwar iż-żieda fil-preżenza tal-Pulizija fil-lokalità u dwar il-kollaborazzjoni li qed issir mal-Community Policing Unit.

47/03/39 Ġie spjegat li l-Pulizija qed tagħmel użu minn spazju fil-binja tal-Kunsill bħala bażi operattiva għall-patrols fil-lokalità.

47/03/40 Il-Pulizija talbet li tingħata parking bay riservata f'żona koperta mis-CCTV cameras tal-Kunsill sabiex tkun tista' tinżamm vettura tal-pulizija b'mod permanenti fil-lokalità.

47/03/41 Kien hemm qbil fil-prinċipju ma' din it-talba.

47/03/42 Is-Sindku fakkret li diversi miżuri li qed jiġu implimentati fil-lokalità, fosthom community parking bays, charging pillars, bus stops u faċilitajiet oħra, qed jiġu introdotti b'rispons għat-talbiet tar-residenti u bil-għan li jittejjeb il-livell ta' servizz fil-komunità.

47/03/43 Is-Sindku fakkret li l-prijorità ewlenija tal-Kunsill tibqa' dejjem il-ġid tal-lokalità u tar-residenti tagħha, u li d-deċiżjonijiet kollha qed jittieħdu b'dan il-prinċipju bħala gwida.

47/03/44 Is-Sindku rreferiet għall-applikazzjoni tal-programm Tfulija u spjegat li din teħtieġ ammont sostanzjali ta' dokumentazzjoni u informazzjoni teknika relatata ma' diversi aspetti tal-lokalità. Fid-dawl tal-piż amministrattiv involut, kif ukoll tal-volum ta' xogħol attwali u l-prijoritajiet li l-amministrazzjoni tal-Kunsill qed tindirizza bħalissa, ġie kkunsidrat li l-Kunsill ma għandux ir-riżorsi meħtieġa biex jipprepara u jissottometti l-applikazzjoni kif suppost f'dan l-istadju.

47/03/45 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni tiġi posposta għalissa u tiġi kkunsidrata mill-ġdid f'data aktar xierqa meta l-amministrazzjoni tkun f'pożizzjoni aħjar biex tindirizza r-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi tagħha.

47/03/46 Is-Sindku għamlet referenza għal talba minn persuna privata relatata ma' xogħolijiet ta' repaving u alterazzjonijiet fi Sqaq il-Mitħna.

47/03/47 Ġie spjegat li l-parti tat-triq ikkonċernata hija triq pubblika u li l-Kunsill mhuwiex l-awtorità kompetenti sabiex jawtorizza tali xogħolijiet.

47/03/48 Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali għandu jressaq it-talba lill-Infrastructure Malta għall-kunsiderazzjoni u l-azzjonijiet meħtieġa. Ġie deċiż ukoll li r-resident ikkonċernat jinżamm infurmat dwar kull żvilupp relatat mal-każ billi jiġi kkupjat fil-korrispondenza relevanti.

47/03/49 Is-Sindku għamlet aġġornament dwar il-proġett ta' studju urban li twettaq b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta, Fakultà tal-Building Environment.

47/03/50 Is-Sa Meli spjegat li l-istudju ġie konkluż u li wara laqgħat mal-akkademiċi u l-istudenti involuti, ġie propost li tittella' wirja pubblika sabiex jiġu ppreżentati r-riżultati lill-komunità.

47/03/51 Ġie propost li l-wirja tinżamm fil-binja tal-Kunsill ghal-Jumm il-Gharghur bejn il-15 u s-17 ta' Lulju 2026, bejn il-5:00 p.m. u t-8:00 p.m.

47/03/52 Ġie propost ukoll li nhar il-15 ta' Lulju 2026 tinżamm konsultazzjoni pubblika flimkien ma' panel discussion, li għaliha jkunu mistiedna rappreżentanti minn oqsma differenti relatati mal-ippjanar, il-mobilità sostenibbli, l-ambjent u l-iżvilupp urban.

47/03/53 Ġie ssuġġerit li, fost il-parteċipanti fil-panel, jiġu mistiedna r-Rettur u l-Pro-Rettur, kif ukoll persuna mill-komunità lokali li hija magħrufa għall-promozzjoni kontinwa tal-mobilità sostenibbli. Barra minn hekk, ġie propost li rappreżentanti mill-Kunsill tat-Tfal ukoll jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-panel.

47/03/54 Ġie rrappurtat li, wara li ġew identifikati u kkomunikati l-ħtiġijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva, il-Kunsill Lokali beda l-proċess neċessarju ta' akkwist sabiex jiżgura li dawn jiġu indirizzati fil-ħin. Għaldaqstant, inħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet (Call for Quotations) għall-provvista tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa, f'konformità mar-regolamenti u l-proċeduri applikabbli.

47/03/55 Ġie nnutat ukoll li din il-kwistjoni kienet ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Finanzjarju, fejn ġiet eżaminata l-fattibbiltà tal-ispejjeż relatati mal-inizjattiva. Ġie enfasizzat li, fejn ikun possibbli, għandhom jiġu adottati miżuri sabiex l-ispejjeż jinżammu għall-minimu, inkluż billi ċerti kompiti, bħat-tfassil u l-produzzjoni tal-istediniet, jitwettqu internament mill-Kunsill minflok ma jiġu esternalizzati.

47/03/57 Il-Kunsill qabel li jiġu esplorati l-arranġamenti meħtieġa mal-amministrazzjoni tal-iskola sabiex jiġi kkonfermat il-post u jiġu ffaċilitati l-preparamenti neċessarji għall-attivit tal-panel discussion li se issir fi 15 ta' Lulju -bejn il-5pm u 6.30pm..

47/03/58 Kien hemm qbil sabiex l-attività tkun miftuħa għar-residenti kollha tal-lokalità u sabiex jitkomplew il-preparamenti meħtieġa.

47/03/59 Is-Sindku għamlet referenza għall-European Week of Regions and Cities li ser issir fi Brussell mill-11 sa 15 ta' Ottubru 2026.

47/03/60 Ġie spjegat li l-applikazzjoni mressqa mill-Kunsill, li għaliha applikaw is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sa Attard, kienet ġiet aċċettata. Ġie informat lill-Kunsill li, wara l-proċess ta' selezzjoni, intgħażlet is-Segretarju Eżekuttiv sabiex tattendi l-attività.

47/03/61 Ġie spjegat ukoll li l-ispejjeż relatati mal-ivvjaġġar ser jiġu koperti mir-Reġjun, filwaqt li l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u kwalunkwe spejjeż eliġibbli oħra ser jiġu rimborsati skont ir-rati u l-kalkoli stabbiliti taħt is-Subsistence Allowance Regulations.

47/03/62 Wara diskussjoni, il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv fl-attività kif ukoll il-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-akkomodazzjoni u spejjeż eliġibbli oħra skont il-proċeduri u r-regolamenti applikabbli.

47/03/63 Is-Sindku għamlet aġġornament dwar il-proċess ta' verifika tal-markings u parking bays fil-lokalità.

*47/03/64 Is-Sa Meli spjegat li qed tinġabar informazzjoni mingħand Transport Malta sabiex il-markings kollha jiġu verifikati u regolarizzati skont il-pjani approvati uffiċjalment.*

*47/03/65* *Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera dwar laqgħa (working capital meeting) li nżammet mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u mal-accountants tal-Kunsill rigward il-working capital u l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.*

47/03/66 Ġie nnutat li l-miżuri implimentati sabiex jitħallsu l-kredituri u jiġi mmonitorjat l-infiq qed j jagħtu riżultati pożittivi u li l-Kunsill jinsab miexi fid-direzzjoni t-tajba mill-aspett finanzjarju.

47/03/67 Ġie enfasizzat il-bżonn li l-Kunsill ikompli jimmonitorja l-infiq tiegħu sabiex ikun jista' jlaħħaq mal-obbligi finanzjarji futuri.

47/03/68 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni proposta sabiex il-membri tal-istaff amministrattiv jingħataw uniformi uffiċjali.

47/03/69 is-sa Meli spjegat li l-proposta kienet ibbażata fuq konsultazzjoni interna mal-istaff u fuq il-ħtieġa li tinżamm dehra professjonali u uniformi fil-binja tal-Kunsill.

47/03/70 Ġie spjegat li kienu nġabru diversi kwotazzjonijiet għal skop ta' informazzjoni biss u li ma kien sar l-ebda impenn finanzjarju.

47/03/71 Il-Kunsill iddiskuta l-proposta fid-dettall, inklużi aspetti relatati mal-kumdità tal-istaff, il-kodiċi tal-ilbies u l-ispejjeż involuti.

47/03/72 Ġew diskussi diversi għażliet relatati mal-uniformijiet, inklużi polo shirts, pullovers u lbies adattat kemm għax-xhur tas-sajf kif ukoll għax-xitwa.

47/03/73 Ġie propost li l-uniformijiet ikunu jinkludu wkoll il-logo uffiċjali tal-Kunsill Lokali.

47/03/74 Il-Kunsill esprima qbil fil-prinċipju mal-kunċett. Madankollu, ġie nnutat li qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, hemm il-ħtieġa li tiġi ppreżentata aktar informazzjoni dwar il-proposta.

47/03/75 Is-Sindku għamlet referenza għal proposti tal-Kunsill tat-Tfal li kienu ġew ippreżentati u diskussi waqt laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

47/03/76 Fost il-proposti ppreżentati, il-Kunsill kien approva fil-prinċipju l-inizjattiva li parti minn Triq Għaxqet il-Għajn, min-naħa ta' Triq il-Ġnien mill-kantuniera, tingħalaq għat-traffiku kull nhar ta' Ħadd darba fix-xahar bejn is-1:00 p.m. u t-3:00 p.m., sabiex l-ispazju jkun jista' jintuża għal attivitajiet komunitarji u rikreattivi.

47/03/77 Ġie rrappurtat li, wara li tressqet it-talba lill-awtoritajiet konċernati, ġew riċevuti diversi mistoqsijiet minn Transport Malta, fosthom jekk il-miżura hix ser tkun sostnuta permezz ta' sinjali tat-traffiku (signage) jew jekk it-triq hix ser tingħalaq permezz ta' bollards jew mezzi fiżiċi oħra.

47/03/78 Ġie maqbul li din l-informazzjoni tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw il-punti mqajma u jipprovdu l-feedback tagħhom sa data li ser tiġi stabbilita. Ġie nnutat ukoll li s-Sa Helen Gauci diġà esprimiet il-qbil tagħha mal-proposta, filwaqt li indikat il-preferenza tagħha li l-għeluq tat-triq isir permezz ta' bollards.

47/03/79 Is-Sa Meli għamlet referenza għal talba li waslet rigward il-possibbiltà tal-installazzjoni ta' bollards fi Triq l-Indipendenza, fil-parti li twassal għal Sqaq Cint il-Wiesgha. Hija spjegat li fil-passat kienu diġà ttieħdu miżuri permezz ta' yellow double lines sabiex jiġi limitat il-parkeġġ

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

f'din iż-żona. Madankollu, minkejja dawn il-miżuri, għadu qed iseħħ parkeġġ irregolari li qed joħloq diffikultajiet.

47/03/80 Ġie rrappurtat li diversi sidien ta' għelieqi fl-inħawi, partikolarment dawk li għandhom iż-żwiemel, qed isibu diffikultà minħabba vetturi pparkjati tul il-passaġġ. Għaldaqstant, ġiet proposta l-installazzjoni ta' bollards bħala miżura addizzjonali biex tiġi indirizzata l-problema.

47/03/81 Wara diskussjoni, ġie maqbul li t-talba għandha tiġi riferuta lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħha u sabiex tingħata l-gwida u l-approvazzjonijiet meħtieġa, jekk applikabbli.

47/03/82 Is-Sa Meli għamlet referenza għal talba li waslet sabiex jiżdiedu l-miżuri ta' sleeping police fi Triq Għaxqet il-Għajn, fil-parti tal-inħawi fejn hemm "Dre's", minħabba li vetturi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva.

47/03/83 Hija spjegat li l-Kunsill kien diġà talab lill-Community Police sabiex jiżdied l-użu ta' speed guns f'din iż-żona sabiex issir infurzar aktar regolari tal-limiti tal-veloċità. Madankollu, issa waslet ukoll talba sabiex jiġu kkunsidrati sleeping police addizzjonali.

47/03/84 Waqt id-diskussjoni, is-Sa Helen Gauci osservat li bħalissa diġà hemm tliet sleeping police tul din it-triq. Min-naħa tagħha, is-Sa Meli nnutat li hemm medda relattivament twila bejn tnejn minn dawn u ssuġġeriet li jiġi eżaminat jekk hemmx il-possibbiltà li tiżdied sleeping police f'dik iż-żona.

47/03/85 Is-Sindku għamlet referenza għal proposta ta' traffic management li kienet ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill u li kienet tirrigwarda l-introduzzjoni ta' sistema ta' one-way f'parti mill-akwata ta' Xwieki/Naxxar.

47/03/86 Ġie mfakkar li Transport Malta kienet ipprovdiet il-feedback u r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar il-proposta. Madankollu, wara konsiderazzjoni tal-impatti possibbli fuq ir-residenti tal-inħawi, il-Kunsill ma qabilx mal-implimentazzjoni tal-miżura proposta.

47/03/87 Sabiex jiġu evitati kwalunkwe nuqqas ta' ftehim jew interpretazzjonijiet żbaljati, ġie ċċarat li l-pożizzjoni tal-Kunsill tibqa' dik li ma jappoġġjax l-introduzzjoni tas-sistema proposta, peress li din kienet mistennija twassal għal aktar inkonvenjent għal numru ta' residenti fl-akwata kkonċernata.

47/03/88 Is-Sindku informat lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser jibda l-programm regolari ta' żbir u manutenzjoni tas-siġar fil-lokalità. Hija żiedet li l-Kunsill għadu qed jistenna wkoll il-konferma tal-programm ta' ħasil tat-toroq sabiex dawn is-servizzi jkunu jistgħu jitwettqu skont l-iskeda prevista u b'koordinazzjoni xierqa.

47/03/89 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-bieb tal-ħruġ biex jsir fuq in-naħa ta' wara tal-iskola. min-naħa ta' Triq il-Ġnien. Hija spjegat li l-proposta qed tiġi kkunsidrata bħala miżura addizzjonali ta' sigurtà sabiex, f'każ ta' emerġenza, ikun hemm aċċess u ħruġ alternattiv għall-istudenti u l-persunal tal-iskola.

47/03/90 Hija informat ukoll lill-Kunsill li waslet komunikazzjoni mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni fejn ġie indikat li saru l-konsultazzjonijiet meħtieġa, inkluż ma' perit, u li kien hemm referenza għall-permessi relevanti. Fil-komunikazzjoni ntalab li jiġi rilokat ċertu għamara (street furniture) li tinsab fil-ġnien sabiex il-proġett ikun jista' jimxi 'l quddiem.

47/03/91 Peress li l-ġnien huwa proprjetà tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill wieġeb lura sabiex jitlob aktar kjarifiki, b'mod partikolari dwar min ser jerfa' l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe xogħol jew

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

rilokazzjoni meħtieġa, kif ukoll sabiex jiġi speċifikat eżattament liema għamara hija maħsuba li tiġi mċaqalqa. Dan sar sabiex il-Kunsill ikun infurmat b'mod sħiħ dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji u operattivi tal-proposta qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet ulterjuri.

47/03/92 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-proposta li kienet tressqet sabiex isiru interventi ta' manutenzjoni u tisbiħ fuq il-fanali tal-Pjazza. Hija spjegat li l-kwistjoni baqgħet pendenti għalissa, peress li dawn il-fanali għandhom valur storiku u karatteristiċi partikolari, u għalhekk ma kienx meqjus xieraq li jitneħħew.

47/03/93 Waqt id-diskussjoni, is-Sa Helen Gauci esprimiet il-fehma li l-fanali għandhom jiġu restawrati sabiex jinżamm il-karattru oriġinali tagħhom. Min-naħa tagħha, is-Sindku spjegat li l-Kunsill diġà għamel kuntatt ma' persuna li tispeċjalizza f'xogħlijiet ta' restawr tal-metall (metal works) sabiex tingħata opinjoni professjonali dwar il-kundizzjoni tagħhom u l-possibbiltajiet ta' restawr.

47/03/94 Ġie rrappurtat ukoll li ntalbet site visit sabiex issir valutazzjoni aktar dettaljata fuq il-post. Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni, jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġi kkonsultat perit jew professjonist ieħor sabiex jingħata parir tekniku u jiġi stabbilit l-aħjar mod kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-fanali.

47/03/95 L-aġġornament ingħata sabiex il-Kunsilliera jinżammu infurmati dwar l-istat attwali tal-kwistjoni u l-passi li qed jittieħdu.

47/03/96 Is-Sindku tat aġġornament dwar laqgħa li saret ma' Infrastructure Malta rigward diversi proġetti infrastrutturali fil-lokalità. Hija spjegat li x-xogħlijiet previsti fi Triq San Bartilmew qed jiġu ppjanati sabiex jibdew aktar tard matul is-sena, x'aktarx lejn l-aħħar tas-sajf, wara li jgħaddu l-attivitajiet marbuta mal-festa tal-lokalità.

47/03/97 Ġiet diskussa wkoll il-problema ta' għargħar li qed isseħħ f'parti minn Triq l-Indipendenza, partikolarment fiż-żona tal-kantuniera fejn ġie rrappurtat li qed jakkumula ammont sostanzjali ta' ilma waqt perjodi ta' xita qawwija. Infrastructure Malta informat lill-Kunsill li ser jiġi kkummissjonat survey report sabiex jiġu studjati l-livelli, l-inklinazzjoni tat-triq, kif ukoll is-sistema eżistenti tad-drenaġġ u l-mod kif qed topera. Dan l-istudju għandu jidentifika l-kawżi tal-problema u jservi bħala bażi għall-proposti ta' intervent meħtieġa.

47/03/98 Fir-rigward tax-xogħlijiet fis-sqaqien, ġie spjegat li dawn ser jitkomplew wara perjodu ta' waqfien temporanju. Il-waqfa kienet meħtieġa minħabba ċerti kjarifiki u rekwiżiti li tqajmu mis-SCH, kif ukoll minn Public Works Department u l-Water Services Corporation. Ġie rrappurtat li dawn il-kwistjonijiet issa ġew iċċarati u għalhekk ix-xogħlijiet jistgħu jkomplu skont il-pjan stabbilit.

47/03/99 Barra minn hekk, ġie rrappurtat li Enemalta qed tippjana xogħlijiet relatati ma' proġett ta' titjib fil-provvista tal-elettriku u l-voltage, li huwa previst li jibda min-Naxxar u jkompli lejn Għargħur. Fid-dawl tal-għadd ta' proġetti infrastrutturali li qed jiġu ppjanati jew implimentati fl-istess perjodu, is-Sindku enfasizzat il-ħtieġa li titlaqqa' laqgħa mal-partijiet kollha involuti, sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar u ppjanar effettiv tax-xogħlijiet, filwaqt li jiġu minimizzati l-inkonvenjenzi għar-residenti.

47/03/100 Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-proġett ippjanat fi Triq Għaxqet il-Għajn huwa mistenni li jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Hija spjegat li l-Kunsill bħalissa qed jistenna konferma tad-data eżatta tal-bidu tax-xogħlijiet.

47/03/101 Is-Sindku għamlet referenza għal Development Planning Funds u għal skemi ta' finanzjament li jistgħu jintużaw sabiex jitwettqu proġetti ta' aċċessibilità u titjib fil-binja tal-Kunsill.

47/03/102 Is-Sindku spjegat li, wara li ngħabret l-informazzjoni meħtieġa u saret spezzjoni minn kumpanija speċjalizzata, ġie kkonfermat li l-lift eżistenti jinsab f'kundizzjoni li ma tagħmilx sens ekonomiku li jiġi rranġat.

47/03/103 Ġie rrappurtat li l-ispiża għall-provvista u l-installazzjoni ta' lift ġdid hija stmata li taqbeż it-€30,000. Fid-dawl ta' dan, ġie spjegat li eventwalment ikun meħtieġ li tinħareġ sejħa għall-offerti (tender) sabiex jiġi akkwistat lift ġdid skont il-proċeduri applikabbli.

47/03/104 Barra minn hekk, ġie propost li x-xogħlijiet relatati mal-lift, il-faċċata tal-binja u l-membrane tal-bejt jiġu inklużi u ffinanzjati permezz tal-Development Planning Funds.

47/03/105 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta u approva t-tressiq tal-applikazzjoni taħt l-iskema relevanti, filwaqt li l-amministrazzjoni ġiet inkarigata tkompli bil-passi neċessarji.

47/03/106 Is-Sindku spjegat ukoll li taħt l-Iskema SPI/SCI/04/2026 huwa previst li l-allokazzjoni ta' €30,000 tintuża għal xogħlijiet ta' refurbishment u titjib fil-binja tal-Kunsill Lokali. Hija spjegat li dawn ix-xogħlijiet huma intiżi sabiex itejbu l-funzjonalità, l-aċċessibbiltà u l-kundizzjoni ġenerali tal-binja.

47/03/107 Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk il-kwotazzjoni għall-iskema kinitx ibbażata fuq proposta turnkey minn persuna waħda jew fuq diversi kwotazzjonijiet. Ġie spjegat li l-istimi kienu ngħabru minn diversi fornituri u kuntratturi skont in-natura tax-xogħlijiet.

47/03/108 Is-Sindku informat lill-Kunsill li qed tiġi esplorata l-possibbiltà ta' restawr tat-Torri taħt l-Iskema SPI/SCI/05/2026. Għal dan il-għan ser jiġu kkonsultati s-SCH, Heritage Malta u perit sabiex jiġu identifikati x-xogħlijiet meħtieġa. Ġie spjegat li l-proġett jista' jitressaq taħt l-iskema ta' €100,000, filwaqt li kwalunkwe differenza fl-ispiża tista' tiġi koperta mill-Development Planning Funds.

**47/04 Tweġibiet għall-Mistqosijiet tal-Kunsilliera**

47/04/01 Is-Sa Francesca ressqet talba relatata ma' Triq Mons. Luigi Catania sabiex jiġi kkunsidrat it-tqegħid ta' bollards ħdejn it-taraġ biex jiġi evitat li dan isirilu ħsara minn vetturi. Ġie maqbul li t-talba tiġi riferuta lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni.

47/04/02 Ġiet imressqa wkoll talba għall-installazzjoni ta' sleeping policeman fl-istess triq. Ġie nnutat li, qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, ikun meħtieġ li jiġu kkonsultati r-residenti affettwati.

47/04/03 Is-Sa Francesca Attard għamlet referenza għal suġġeriment imressaq minn resident fuq il-paġna Facebook ta' Għargħur Residents sabiex fi Triq Caravaggio titpinġa linja ċentrali biex tiddistingwi l-korsiji, minħabba tħassib dwar sewqan b'veloċità eċċessiva u riskji għas-sigurtà. Ġie maqbul li l-Kunsill jikkonsulta ma' Transport Malta dwar il-fattibbiltà ta' din il-proposta.

47/04/04 Is-Sa Helen Gauci staqsiet dwar it-tag tad-driver li kien ġie muri u osservat li, sa fejn taf hi, dan għandu jkun immarkat bħala "D1" jew "D". Is-Sa Meli spjegat li kienet ivverifikat il-kwistjoni ma' Transport Malta u ġiet infurmata li t-tag użat huwa korrett.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

47/04/05 Is-Sa Helen Gauci staqsiet ukoll dwar laqgħa li saret mal-għaqdiet tal-lokalità u għaliex dawn ma kinux ġew involuti. Bi tweġiba, is-Sa Meli spjegat li kienet għażlet li ssejjaħ laqgħa informali mal-għaqdiet fil-kapaċità tagħha ta' Sindku, minflok tikkomunika magħhom individwalment permezz ta' messaġġi.

47/04/06 Is-Sindku talbet feedback mingħand l-għaqdiet tal-lokalità dwar l-attivitajiet tal-Festa u Jum Ħal Għargħur. Is-Sa Helen Gauci qalet li l-Kunsilliera kellhom jiġu infurmati dwar din il- laqgħa. Is-Sindku ħadet nota tal-kumment tagħha.

47/04/07 Is-Sa Helen Gauci osservat li ċerti informazzjoni relatati mal-Kunsill qed jiġu ppubblikati fuq il-midja soċjali u qalet li, fejn dawn ikollhom x'jaqsmu mal-Kunsill, għandhom jiġu kondiviżi wkoll permezz tal-kanali uffiċjali tal-Kunsill.

47/04/08 Bi tweġiba, is-Sa Meli talbet sabiex jiġu indikati eżempji konkreti ta' informazzjoni li ġiet ippubblikata barra mill-paġni uffiċjali tal-Kunsill, sabiex tkun tista' tifhem aħjar il-punt imqajjem u twieġeb b'mod adegwat.

47/04/09 Is-Sa Helen Gauci qajmet tħassib dwar il-post tal-bus stop il-ġdid, filwaqt li osservat li dan wassal għat-telf ta' tliet spazji ta' parkeġġ u li għadu qed joħloq diffikultajiet fit-traffiku. Hija nnutat ukoll li l-karozza tal-linja mhux dejjem qed tieqaf kif suppost fil-post allokat u li xi drabi qed jaslu żewġ karozzi tal-linja fl-istess ħin.

47/04/10 Bi tweġiba, is-Sa Meli spjegat li l-kwistjoni relatata mal-wasla simultanja tal-karozzi tal-linja kienet diġà ġiet diskussa ma' Transport Malta u li l-Kunsill għadu qed jistenna deċiżjoni mingħandhom. Hija żiedet li l-kwistjoni dwar kif il-karozza tal-linja qed tuża l-bus stop tista' tiġi diskussa ma' Malta Public Transport. Fir-rigward tal-parkeġġi, ġie mfakkar li din il-kwistjoni kienet diġà ġiet diskussa u deċiża mill-Kunsill.

47/04/11 Is-Sa Helen Gauci qajmet xi osservazzjonijiet dwar il-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi (EV Charging Points) fi Triq l-Oratorju, u esprimiet tħassib dwar l-impatt tagħhom fuq il-manuvrar tal-vetturi fiż-żona. Hija osservat ukoll li, fil-passat, il-Kunsill kien approva postijiet alternattivi għal dawn il-faċilitajiet.

47/04/12 Bi tweġiba, is-Sa Meli spjegat li l-postijiet finali ġew identifikati mill-entitajiet responsabbli tal-proġett fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tekniċi u rakkomandazzjonijiet professjonali. Hija żiedet li, għalkemm il-Kunsill kien ta l-approvazzjoni tiegħu għal ċerti lokalitajiet, l-installazzjoni saret skont fejn kien teknikament fattibbli li jiġu implimentati l-punti tal-iċċarġjar, filwaqt li ġie nnutat li f'Triq Emmanuel Perren ma kienx possibbli li dawn jiġu installati.

47/04/13 Ġie rrappurtat li kien hemm talba fi RWPs għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill u dawn gew approvati. Ġie mfakkar li dawn kienu diġà ġew diskussi waqt laqgħa preċedenti tal-Kunsill, u għal dan il-għan instabu u nqraw il-minuti relevanti li jirreferu għal din il-kwistjoni.

47/04/14 Is-Sa Helen Gauci fakkret fi kwistjoni mqajma minn resident fi Triq Stiefnu Zerafa relatata ma' diffikultà biex joħroġ mill-garaxx tiegħu minħabba s-sitwazzjoni eżistenti fit-triq. Hija talbet sabiex issir żjara oħra fuq il-post biex il-każ jiġi evalwat mill-ġdid, bil-

għan li l-Kunsill ikun jista' jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti u jitlob il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet possibbli.

**47/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' Xogħol**

47/05/01 Is-Sa Meli informat lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni PA/02342/26 relatata mas-sit numri 74 u 76, Triq Fidiel Zarb, Ħal Għargħur, li tipproponi t-twaqqigħ tal-istrutturi eżistenti, skavar u l-kostruzzjoni ta' żewġ vilel semi-detached b'pixxini. Hija rrappurtat li l-Kunsill issottometta ittra ta' rappreżentazzjoni (objection letter) lill-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

47/05/02 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-każ PA229/19 u informat lill-Kunsill bl-aħħar żviluppi relatati mal-appell li jinsab pendenti. Ġie nnutat li saret laqgħa mal-konsulenti legali u tekniċi tal-Kunsill u li l-korrispondenza relatata tqassmet lill-Kunsilliera għall-informazzjoni tagħhom.

47/05/03 Minħabba n-natura kunfidenzjali tal-materja u l-proċeduri legali li għadhom għaddejjin, il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni b'mod riżervat.

47/05/04 Il-Kunsill iddiskuta l-każ PA/229/19 u ressaq mozzjoni relatata mal-pożizzjoni tiegħu dwar din il-materja. Il-mozzjoni ġiet ikkunsidrata u approvata mill-Kunsill.

47/05/05 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni PA01916/21 relatata ma' sit fi Triq tal-Balal, Ħal Għargħur. Ġie rrappurtat li l-Kunsill ressaq oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

47/05/06 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar il-komunikazzjoni li waslet mill-Awtorità tal-Ippjanar rigward il-każ PA/05466/05. Ġie rrappurtat li l-Bord tal-Awtorità ddeċieda li l-applikazzjoni ma tistax titqies valida u vvota favur id-dismissal tagħha.

47/05/07 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar l-appell relatat mal-applikazzjoni PA/01509/08 għal sit fi Quarry 5, Triq Santa Katerina, Ix-Xwieki, fil-limiti ta' Ħal Għargħur. Ġie nnutat li s-smigħ tal-appell huwa skedat għall-Ħamis 18 ta' Ġunju 2026 mill-10:00 a.m. 'il quddiem.

47/05/08 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni PA/03409/26 relatata mal-proposta għal Child Care Centre fi Triq l-Isqof S. Gaffiero. Hija spjegat li waslet kopja ta' ittra mibgħuta mill-Avukat Jean Noel Cutajar f'isem residenti kkonċernati, li fiha ġew imressqa diversi oġġezzjonijiet u tħassib relatati mal-proposta. Ġie nnutat li l-ittra ser tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tagħhom.

47/05/09 Matul id-diskussjoni, is-Sa Helen Gauci rrimarkat li fis-sitwazzjoni preżenti hemm ukoll stabbiliment relatat mal-cannabis fiż-żona u staqsiet jekk huwiex xieraq li Child Care Centre jopera fil-viċinanza tiegħu. Is-Sa Marilena Galea osservat li dan il-punt jista' jitqajjem, filwaqt li nnutat li hemm ukoll ċentri oħra ta' childcare f'lokalitajiet differenti. Is-Sindku spjegat li t-tħassib ewlieni tar-residenti jidher li huwa relatat mal-impatt fuq it-traffiku u l-konġestjoni fiż-żona.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


47/05/10 Wara diskussjoni, il-votazzjoni ntemmet b'parità ta' 2 voti favur u 2 voti kontra. Għaldaqstant, is-Sindku eżerċitat il-casting vote tagħha favur il-proposta li l-Kunsill jimxi 'l quddiem u jressaq il-kummenti tiegħu relatati mal-istabbiliment tal-cannabis u l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona.

47/05/11 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar il-każ PA 739/25 – Fl-Atti: PAB 138/26 relatat mas-sit numru 29, Id-Dwejra, Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Ħal Għargħur. Ġie rrappurtat li waslet ir-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-appell imressaq mill-applikant, fejn l-Awtorità ddikjarat li ma taqbilx mal-argumenti mqajma fl-appell u qed iżżomm il-pożizzjoni tagħha favur id-deċiżjoni oriġinali tal-Kummissjoni tal-Ippjanar.

47/05/12 Fir-rigward tal-proġett tal-40 solar garden lights, ġie spjegat li dan ser jiġi implimentat permezz tal-iskema ta' LESA u li l-proċess ta' akkwist sar skont il-procurement maħruġ taħt l-istess skema.

47/05/13 Is-Sindku osservat li, għalkemm l-iskema approvat il-finanzjament għal 40 fanal, il-ħtieġa totali fil-lokalità hija ta' madwar 83. Hija ssuġġeriet li l-installazzjoni ssir b'mod gradwali u mqassma f'żoni, billi jibda x-xogħol miċ-ċentru tal-lokalità u jkompli lejn iż-żoni periferiċi.

47/05/14 Is-Sa Helen Gauci ssuġġeriet li tingħata konsiderazzjoni lill-orħos offerta, filwaqt li jiġi vverifikat li l-prodotti offruti huma adattati għall-użu fuq barra u reżistenti għall-elementi tat-temp.

47/05/15 Fir-rigward tal-fanali, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-kunċett propost ta' kif dawn għandhom jinbidlu. Ġie maqbul li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu ċċirkolati lill-Kunsilliera u li ssir spezzjoni tal-prodott propost sabiex tiġi evalwata l-kwalità tiegħu qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

47/05/16 Fir-rigward tas-sejħa għal kwotazzjonijiet għall-provvista ta' tliet sistemi ta' Solar CCTV Cameras, ġie rrappurtat li waslu offerti. Wara reviżjoni tal-offerti, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li l-proġett jitmexxa bl-orħos offerta,

47/05/17 Fir-rigward tas-sejħa għal kwotazzjonijiet għas-servizzi ta' sound system u fotografija għall-attività kulturali, ġie rrappurtat li għall-provvista tas-sound system l-orħos offerta kienet dik ta' Sound Tech fl-ammont ta' €3,404.30, segwita minn Transient (€4,643.89) u Audioworks (€6,861.70).

47/05/18 Għas-servizz ta' fotografija, l-unika offerta riċevuta kienet dik ta' Audience fl-ammont ta' €731.60, filwaqt li JohanFixesIt u Neville Attard ma ssottomettewx offerta.

47/05/19 Il-Kunsill qabel li l-kuntratti jingħataw lill-orħos offerenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sejħa.

47/05/20 Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk, minflok is-servizzi ta' video u fotografija previsti, jistgħux jiġu kkunsidrati spejjeż oħra. Is-Sindku spjegat li dawn l-elementi kienu diġà

ġew miftiehma u inklużi meta ġiet approvata l-iskema, u li f'dan l-istadju jkun diffiċli li jsiru bidliet sostanzjali għall-attivitajiet approvati.

**47/06 Ilmenti**

47/06/01 Ġiet diskussa talba minn residenti ta' Triq San Nikola sabiex jiġu installati bollards jew jittieħdu miżuri oħra sabiex jiġi evitat parkeġġ quddiem l-aċċess tad-dar tagħhom.

47/06/02 Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob il-gwida tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu identifikati soluzzjonijiet alternattivi li jippermettu aċċess adegwat għall-proprjetà mingħajr ma jinħolqu restrizzjonijiet mhux meħtieġa.

47/06/03 Fir-rigward tal-ilment dwar vetturi kbar tal-kunsinna li allegatament qed jikkawżaw ħsara fi Triq il-Kbira, il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni u qabel li jiġu installati tabelli xierqa sabiex jiġu indirizzati l-problemi rrappurtati.

47/06/04 Fir-rigward tat-talba biex jiżdiedu sinjali ta' "Cat Crossing" fi Triq l-Isqof, il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni u qabel li jiġu installati żewġ tabelli addizzjonali f'postijiet xierqa tul it-triq.

47/06/05 Fir-rigward tat-talba għall-installazzjoni ta' sleeping policeman fi Triq l-Isqof Gargallo, il-Kunsill qabel li qabel tittieħed deċiżjoni finali, għandhom jiġu kkonsultati r-residenti affettwati sabiex tinġabar il-fehma tagħhom dwar il-proposta.

47/06/06 Fir-rigward tat-talba għal 210A, Triq Caravaggio, ġie nnutat li hemm il-ħtieġa li jiġu mmarkati white boxes għall-parkeġġ fit-triq, kif ukoll spazju apposta għall-muturi minħabba n-numru ta' utenti f'din iż-żona. Ġie ssuġġerit ukoll li jiġi kkunsidrat l-immarkar tal-bus stop eżistenti. Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħlijiet isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

47/06/07 Fir-rigward tat-talba relatata ma' Sqaq il-Qiegħed, ġie rrappurtat li l-ostakli li kienu tqiegħdu quddiem l-għalqa tneħħew u l-kwistjoni ġiet indirizzata.

47/06/08 Fir-rigward tal-każ fi Sqaq Mithna relatat ma' siġra ħdejn għalqa abbandunata li kienet qed tixxengel fuq it-triq u l-proprjetà ġirien, ġie rrappurtat li x-xogħol meħtieġ twettaq u l-kwistjoni ġiet solvuta.

47/06/09 Ġiet diskussa talba għal Community Parking Bay fi Triq l-Oratorju. Wara diskussjoni ġie nnutat li fiż-żona diġà jeżistu faċilitajiet ta' parkeġġ pubbliku u għalhekk it-talba ma ġietx approvata.

**47/07 Ordnijiet ta' Xogħol**

47/07/01 Ġiet approvata l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/04/2026 "Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri Mwettqa mill-Gvern Ċentrali".

47/07/02 Wara diskussjoni, il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni fl-Iskema SPI/SCI/04/2026 u l-użu tal-fondi allokati għall-finijiet imsemmija. Din l-approvazzjoni ngħatat permezz ta' mozzjoni debitament imressqa u approvata mill-Kunsill.

47/07/02 Ġiet approvata wkoll l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/05/2026 "Komunitajiet Aktar B'Saħħithom", relatata mal-proġett tat-Torri.

47/07/03 Is-Sindku għamlet referenza għall-iskema ta' Transport Malta dwar bicycle racks u bicycle repair stations. Ġie propost li dawn jiġu installati f'postijiet strateġiċi fil-lokalità sabiex tiġi promossa mobilità sostenibbli.

47/07/04 Ġie deċiż li l-Kunsilliera jkollhom żmien sabiex jissottomettu suġġerimenti dwar il-lokalitajiet fejn dawn il-faċilitajiet jistgħu jiġu installati. Is-Sa Meli pproponiet iż-żona magħrufa bħala Top of the World bħala wieħed mis-siti possibbli għall-kunsiderazzjoni.

**47/08 Kuntratti, Tender u MOUs**

47/08/01 Ġie rrappurtat li l-proċess relatat mal-kuntratt tal-Contracts Manager jinsab fl-aħħar stadji tiegħu u li qed jitlestew il-formalitajiet sabiex il-kuntratt jiġi ffirmat.

47/08/02 Is-Sa Meli tat aġġornament dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-bulky refuse u informat lill-Kunsill li l-kwistjoni għadha pendenti minħabba il-kwistjoni tal-appelli.

47/08/02 Ġie nnutat li matul is-sena ser jiskadu kemm il-kuntratt tas-servizzi ta' arkitett kif ukoll il-kuntratt relatat mas-street lighting, u għalhekk hemm bżonn li jinbdew il-proċeduri meħtieġa għall-ħruġ ta' tenders ġodda.

47/08/03 Is-Sindku ressqet proposta sabiex il-kuntratt tat-tindif tal-public conveniences jiġi estiż sabiex jinkludi wkoll servizzi bażiċi ta' handyman, kif ukoll il-ftuħ u l-għeluq tal-faċilitajiet pubbliċi. Ġie rrappurtat li din il-kwistjoni ġiet diskussa fil-Kumitat Finanzjarju, fejn ġie approvat li l-allokazzjoni tiżdied b'€3,000 oħra, sabiex l-ammont totali jilħaq €8,000 fis-sena.

47/08/04 Ġie diskuss spejjeż addizzjonali involut u l-benefiċċji li jistgħu jinkisbu minn sistema aktar integrata ta' manutenzjoni u tindif.

47/08/05 Is-Sa Helen Gauci ssuġġeriet li, fil-kuntest ta' din it-tender, jiġi kkunsidrat ukoll l-inklużjoni tas-servizz tat-tindif tal-binja tal-Kunsill. Hija spjegat li l-impjegata li kienet tieħu ħsieb dan is-servizz m'għadhiex tipprovdi s-servizz u ma sar l-ebda replacement tagħha, bir-riżultat li l-Kunsill kellu jirrikorri għal servizzi esterni ta' tindif.Il-Kunsill laqa' s-suġġeriment u qabel fil-prinċipju li din il-possibbiltà tiġi kkunsidrata fil-proċess.

47/08/06 Is-Sa Meli informat lill-Kunsill dwar l-iskema tal-parkeġġ għar-residenti, li riedet issemmi aktar kmieni matul il-laqgħa. Hija spjegat li l-iskema kienet ingħalqet xi żmien ilu, iżda hemm indikazzjonijiet li tista' terġa' tiftaħ fil-futur qarib. Ġie nnutat ukoll li din hija skema amministrata mill-awtoritajiet kompetenti u għalhekk il-Kunsill m'għandux il-possibbiltà li jimplimentaha direttament.

47/08/07 Is-Sa Meli tat aġġornament dwar il-ħaddiema responsabbli mit-tindif tal-Kunsill u spjegat li l-kwistjoni qed tiġi vverifikata mad-Dipartiment konċernat sabiex jiġi stabbilit jekk l-assenza

tagħha tistax tkompli għal perjodu ta' sena jew jekk hemmx il-ħtieġa li tgħaddi għal arranġamenti taħt is-Social Security.

**47/09 Attivitajiet**

47/09/01 Ġie kkonfermat li l-konsultazzjoni pubblika u panel discussion relatati mal-proġett urban ser isiru fil-15 ta' Lulju 2026.

47/09/02 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera dwar il-preparamenti għall-Jum il-Gargur u għall-Lejla Folkloristika, li qed jiġu organizzati b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Lvant.

47/09/03 Ġie spjegat li s-sound system u parti mid-divertiment ser jiġu pprovduti permezz tal-kollaborazzjoni mar-Reġjun Lvant, filwaqt li l-Kunsill qed jikkoordina l-bqija tal-arranġamenti meħtieġa.

47/09/04 Ġie rrappurtat li għaddej il-proċess ta' akkwist ta' imwejjed, siġġijiet.

47/09/05 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-arranġamenti relatati mal-assigurazzjoni u r-risk assessments għall-attivitajiet tal-Jum il-Gargur qed jiġu koordinati mar-Reġjun Lvant.

47/09/06 Ġie nnutat li l-Kunsill ser jipprovdi l-ambulanza meħtieġa għall-attivitajiet filwaqt li qed jiġu esplorati opportunitajiet għal sponsorship sabiex jiġu koperti spejjeż oħra relatati mal-avveniment.

47/09/07 Ġew eżaminati kwotazzjonijiet relatati ma' trofej u rikonoxximenti għall-attivitajiet tal-lokalità, filwaqt li ġie deċiż li tittieħed deċiżjoni finali wara li jkun magħruf jekk is-sponsorship mitluba tiġix approvata.

47/09/08 Ġie miftiehem li, jekk ikun meħtieġ, tinżamm laqgħa informali jew konsultazzjoni permezz tal-email sabiex jiġu approvati kwotazzjonijiet urġenti relatati mal-avvenimenti ppjanati.

47/09/09 Ġiet diskussa l-organizzazzjoni tal-attività tat-tfal u ta' attivitajiet oħra li ser issir fi 17 ta' Lulju 2026.

47/09/10 Ġiet diskussa l-proċedura għall-għażla tal-persuni jew entitajiet li ser jirċievu rikonoxximent mill-Kunsill Lokali matul l-attivitajiet tal-lokalità.

47/09/11 Ġie deċiż li l-Kunsilliera jippreżentaw il-proposti tagħhom u li sussegwentement tinżamm laqgħa nformali sabiex il-proposti jiġu diskussi qabel tittieħed deċiżjoni finali.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**47/10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

47/10/01 Is-SOPs u d-dokumentazzjoni finanzjarja relatata mal-pagamenti ġew ippreżentati għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

47/10/02 Ġie nnutat li dawn id-dokumenti kienu diġà ġew eżaminati u approvati mill-Financial Committee flimkien mal-Accountant tal-Kunsill.

47/10/03 Wara li ġew ikkunsidrati mill-Kunsill, is-SOPs u l-pagamenti rispettivi ġew approvati.

**43/11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

43/11/01 Il-laqgħa spiċċat fis-19:30hrs wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti.

43/11/02 Ġie maqbul li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser issir nhar It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026, fil-5:30 p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Shirley Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**